**QORTI TA’ L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 2**
**Appell Nru: 117/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Sandro Zarb )**

**Vs**

**FATIHA KHALLOUF**

**Illum, 25 ta’Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat il-Mandat ta’ Arrest Provvizorju, mahrug mill-Magistrat Dott. Giovanni Grixti in forza ta’ l-Artikolu 14 (1)(b) tal-Kap. 276, fis-6 ta’April, 2001, fil-konfront ta’ **Fatiha Khallouf** ( hawn aktar ‘l quddiem imsejjha ‘l-appellata’ ).

Rat ir-rapport ( datat 12 t’April, 2001 ) ta’ l-Ufficcjal tal-Pulizija Spettur Sandro Zarb li permezz tieghu pprezenta taht arrest lill-appellata Fatiha Khallouf quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti.

Rat l-Awtorita' Ghall-Procediment mahruga mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja skond l-Artikolu 13 ta' l-imsemmi Kap. 276, datata 20 ta'April, 2001, li permezz taghha, wara li ppremetta li l-Gvern tar-Repubblika ta' l-Italja, pajjiz barrani ai finijiet ta' l-Artikolu 7 ta' l-Att XVIII tal-1978 dwar l-Estradizzjoni, ghamel talba biex titregga lura f'dak'il-pajjiz Fatiha Khallouf peress li din kienet tinsab akkuzata b'reati kontinwati kontra l-ligijiet dwar l-immigrazzjoni klandestina, kif indikati mill-partiti 1 u 2 fl-Iskeda markata bl-ittra X u annessa ma' l-'stess imsemmi Att, u ghalhekk ordna, bis-setgha moghtija lilu bl-Artikolu 13, li jittiehdu proceduri kontra l-imsemmija Fatiha Khallouf kif hemm provdut f'dan l-Att.

Rat l-akkuzi dedotti kontra Fatiha Khallouf mill-awtoritajiet Taljani datati 3 ta'Frar, 2001, kif wara emendati fis-6 ta'Marzu, 2001, li sostanzjalment huma s-segwenti, u cioe' :

1. Assoccjazzjoni bl-iskop li hi tikkommetti jew kkommettiet atti illegali permezz ta'dhul illegali ta'klandestini fl-Italja bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 416 tal-Kodici Penali Taljan u l-Artikolu 12 tad-Digriet ta'Ligi numru 286 tal-25 ta'Lulju, 1998, sad-data tal-hrug ta' l-akkuzi (fol 9) ; u
2. Responsabilita' ghad-dhul illegali ta'klandestini fl-Italja, f'Donnalucata fl-10 u 14 ta'Novembru, 2000, bi ksur ta' l-Artikolu 110 u 12 tad-Digriet ta' Ligi numru 286 tal-25 ta'Lulju, 1998 (fol 10).

Rat id-decizjoni tal-Qorti Rimandanti tal-11 ta'Gunju, 2001, li biha ordnat li Fatiha Khallouf tigi mibghuta taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura taghha ghar-rigward it-tieni akkuza biss, filwaqt li dwar l-ewwel akkuza rriteniet li r-reat taht din l-akkuza mhux reat taht is-sistema penali taghna u lanqas ma jezisti fil-ligi taghna xi reat li huwa sostanzjalment ta' l-istess natura jew xorta, u ghalhekk, dehrilha li dak ir-reat taht l-ewwel akkuza mhux wiehed ta'estradizzjoni.

Rat ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali datat 13 ta'Gunju, 2001, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma w tibdel s-sentenza appellata, u, minflok, tibghat lill-appellata Fatiha Khallouf ghall-fini tat-treggieh lura taht l-Att dwar l-

Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Ligijiet ta'Malta) ghar-reati kollha elenkati fl-iskeda markata 'X' annessa ma' l-Awtorita' ghall-Procediment tal-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-deposizzjonijiet w d-dokumenti moghtija w esebiti.

Semghet lill-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-Avukat Generali appellant u lill-Avukat Anthony Ellul ghall-appellata Fatiha Khallouf.

Accertat ruha dwar :

a. l-identita' tal-persuna appellata quddiemha, Fatiha Khallouf;
b. il-prova tat-talba bil-miktub tal-pajjiz barrani, cioe', l-Italja li hu pajjiz skedat, u, ghalhekk, hu "pajjiz barrani" ai termini ta' l-Artikolu 6 tal-Kap. 276;
c. l-Awtorita' Ghall-Procediment tal-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali biex jittiehdu dawn il-proceduri;
d. il-Mandat barrani awtorizzanti l-arrest tal-persuna koncernata f'dawn il-proceduri, cioe', Fatiha Khallouf;
e. id-dettalji dwar fatti w ligijiet kostitwenti l-bazi ta' l-akkuzi, ukoll ir-reat jew reati in meritu w l-evidenza permezz ta'liema kien nhareg il-Mandat ta'Arrest Provizjorju, u sussegwentement, l-Awtorita' Ghall-Procediment tal-Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali.

Rat li dawn ir-rekwiziti preliminari kollha jirrizultaw sodisfatti mill-aspett procedurali skond il-ligi.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-appellant Avukat Generali qed jappella mid-decizjoni tal-Qorti Rimandanti tal-11 ta'Gunju, 2001, cioe', id-decizjoni li r-reat taht l-ewwel akkuza li bih tinsab akkuzata l-appellata Fatiha Khallouf mill-awtoritajiet Taljani mhux reat

ta'estradizzjoni, b'mod ghalhekk, li konsegwentement it-talba biex tinhareg Ordni ta'Kustodja kontriha biex titregga' lura lejn l-Italja a bazi ta' din l-ewwel akkuza ma setghetx tigi akkolta.

Illi l-uniku aggravju ta' l-appellant Avukat Generali huwa li l-Qorti Rimandanti ghamlet enuncjazzjoni nkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi meta sostniet li ma hemmx reat fis-sistema legali Malti li jista' jitqies bhala li hu sostanzjalment ta' l-istess natura jew xorta tar-reat kontemplat fl-Artikolu 416 tal-Kodici Penali Taljan, u cioe' ta' "*associazione a delinquere*".

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-fatti, fil-qosor, kienu li fit-23 ta'Marzu, 2001, il-Gvern Taljan kien talab l-estradizzjoni ta' l-appellata in konnessjoni ma' immigrazzjoni llegali ta'klandestini minn Malta ghall-Italja, u precizament gewwa Sqallija. Skond l-awtoritajiet Taljani, kien jirrizulta li certu Raymond Gauci w Anthony Bartolo kienu involuti f'tali attivita' w specifikatament fid-dhul illegali ta' klandestini fl-Italja, certament matul is-sena 2000. Gie allegat li Anthony Bartolo kien jiltaqa' mal-klandestini w jaghtihom akkomodazzjoni biex wara jehodhom fir-restaurant ta'Raymond Gauci, it-"Tuck Inn Bar & Restaurant", f'San Pawl il-Bahar, li kien il-'meeting point' fejn issir din l-attivita', u wara jittiehdu Sqallija bil-powerboat ta' l-istess Raymond Gauci. Gie allegat li l-appellata Fatiha Khallouf kienet tghin f'din l-attivita' billi tiehu hsieb il-kuntatti telefonici w tghamel ghassa ghall-pulizija.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi ma hemm ebda dubju illi bhala reat, fis-sistema legali Malti, sal-lum, ma jezistiex dan it-tip ta'reat, dak komunement imsejjah "*conspiracy*", cioe', dak ir-reat li l-elementi kostituttivi tieghu huma, normalment, (**1**) il-ftehim milhuq bejn tnejn jew tlieta w aktar minn nies, (**2**) bl-intenzjoni specifika li jaghmlu attivita'

illegali (kriminali). Fil-fatt, dawn huma l-elementi tar-reat taht l-ewwel akkuza kif dedotta mill-awtoritajiet Taljani, **li huwa reat fih innifsu**. Di fatti, l-Artikolu 416 tal-Kodici Penali Taljan li jitkellem fuq dan ir-reat ta' *"associazione a delinquere "* testwalment jghid hekk :

> " *Quando tre o piu' persone si associano allo scopo di commettere piu' delitti, coloro che promuovono o costituiscono od organizzano l'associazione sono puniti,* ***per cio' solo****, con la reclusione*………….."

Hemm ligijiet partikolari fis-sistema penali Malti li jinkludu dan it-tip ta' ftehim, jew simili tieghu, u jikklassifikawh bhala reat 'ut sic', bhal ma hija, per ezempju, l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) li specifikatament tghidlek li kull min jassocja ruhu biex jikkommetti xi reati taht dik l-Ordinanza, ghall-fatt biss li jkun hekk assocja ruhu, gja' jkun ikkommetta reat, anke jekk qatt ma ssir dik l-attivita' illegali li ghaliha tkun saret dik l-assoccjazzjoni.

Issa, fl-Italja, in forza ta' dan l-Artikolu 416, huwa reat fih innifsu, komplut u immaturat, <u>il-fatt biss li xi hadd jifforma</u> parti minn xi assoccjazzjoni, minn dan il-ftehim bejn tlieta minn nies jew aktar, bl-iskop li jigu kommessi reati, u dan irrespettivament f'hiex tikkonsisti dik l-attivita' illegali, u jekk effettivament dik l-attivita' illegali avveratx ruha jew le.

Issa ma hemm ebda dubju, u dan l-appellant Avukat Generali ma jikkontestahx, illi b'mod generali, hlief eccezzjonalment u specifikatament, dan ir-reat ta' "*associazione a delinquere*", kif jezisti fl-Italja, bl-elementi kostituttivi tieghu, kif fuq spjegat, ma jezistiex fis-sistema penali taghna. Izda ghalkemm l-appellant jaqbel ma'dan, hu jghid li, b'dana kollu, fi kliem l-Artikolu 8 (1)(b)(2) tal-Kap. 276, mhux importanti li l-isem, in-nomenklatura, moghti lir-reat, kif hu deskritt fir-Requesting State, jkun l-istess bhala ma hu imsejjah jew deskritt fir-Requested State. L-appellant jghid li, invece, dak li hu importanti, sabiex jigi

deciz jekk reat partikolari hux wiehed ta'estradizzjoni jew le, hu li l-fatti li jaghtu lok ghal xi reat kemm fir-Requesting State kif ukoll fir-Requested State huma sostanzjalment l-istess fatti, cioe', dawk il-fatti li fis-sustanza taghhom jaghtu lok ghal xi reat simili jew ta' l-istess xorta jew natura fiz-zewg pajjizi, tkun xi tkun il-nomenklatura moghtija minn dawk il-pajjizi ghal dak ir-reat.

L-appellant jghid li l-appellata Fatiha Khallouf tinsab akkuzata mill-awtoritajiet Taljani li ppartecipat fid-dhul illegali ta'klandestini gewwa Sqallija, kemm bhala parti minn "*associazione a delinquere*", kif ukoll billi hadet parti attiva li tirrendiha komplici. Hu jghid li l-fatti kif deskritti mill-awtoritajiet Taljani, u li taw lok ghaz-zewg akkuzi li hargu kontra l-appellata, huma fatti li sostanzjalment f'Malta jaghtu lok ghar-reat taht l-Artikolu 32 tal-Kap. 217, l-Att Dwar l-Immigrazzjoni. Ghal din ir-raguni, jghid l-appellant, ir-reat addebitat lill-appellanti mill-awtoritajiet Taljani taht l-ewwel akkuza, hu reat li jaqa' taht id-dispost ta' l-Artikolu 8 (1)(b)(2) tal-Kap. 276, fis-sens li, allura, dan ir-reat ta' "*associazione a delinquere*", jew *"conspiracy"* hu, f'dan il-kaz partikolari, reat estradibbli skond il-ligi Maltija. Ikompli jghid l-appellant Avukat Generali li, barra minn hekk, in konformita' mad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti fis-<u>16 ta'Lulju, 1981</u>, li qatt ma giet appellata, fl-ismijiet "<u>The Police v. Alfred John Gaul</u>", ghalkemm ir-reat ta' *"conspiracy"* fih innifsu ma jezistiex fil-ligi Maltija, u ghalhekk mhux reat ta' estradizzjoni, pero' jekk mill-fatti allegati hemm l-elementi ta'tentattiv jew tal-komplicita' b'riferenza ghar-reat sostantiv li dwaru tkun allegata l-*"conspiracy"*, allura f'tali kaz dan ir-reat sottostanti l-*"conspiracy"* hu reat estradibbli ai fini ta' l-Artikolu 8 (1)(b)(2) tal-Kap. 276.

Hu veru li dik id-decizjoni tghid hekk, pero' daqstant hu veru wkoll li din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, diversament presjeduta, b'decizjoni taghha <u>tad-9 ta'Ottubru,1980</u>, fl-ismijiet "<u>Il-Pulzija v. Bernard Moore</u>", qalghet ghall-kuntrarju w cahdet it-talba ghall-estradizzjoni in bazi tar-reat ta' *"conspiracy"* f'attivita' illegali konnessa ma' l-importazzjoni w traffikar ta'droga.

Barra minn hekk, din il-Qorti thoss li mhiex marbuta b'dak li setghu qalu dawn iz-zewg decizjonijiet, u, ghalhekk, qed tibbaza din id-decizjoni taghha fuq dak li temmen li hi l-interpretazzjoni korretta f'din il-kwistjoni.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi meta l-Artikolu 8 (1)(b)(2) tal-Kap. 276 jghid li hu rrilevanti l-isem jew nomenklatura li pajjizi jaghtu lir-reat li in konnessjoni mieghu tkun qed tintalab l-estradizzjoni, basta li l-fatti fil-pajjizi koncernati sostanzjalment jaghtu lok ghall-istess reat, jew ghal xi reat simili fin-natura jew xorta tieghu, prosegwibbli b'azzjoni kriminali f'dawk il-pajjizi, dan id-dispost principalment qed jirreferi ghar-reat allegatment kommess fil-pajjiz li qed jitlob l-estradizzjoni.

Issa fil-kaz in ezami, ir-reat allegatament kommess fl-Italja, taht l-ewwel akkuza, hu precizament dak ta' "*associazione a delinquere*" skond l-Artikolu 416 tal-Kodici Penali Taljan, bl-elementi kostituttivi kollha tieghu fuq imsemmija, cioe', (**1**) ftehim bejn tlieta minn nies jew aktar, (**2**) bl-intenzjoni specifika li jikkommettu xi attivita' illegali, irrespettivament x'kellha tkun u f'hiex tikkonsisti dik l-attivita' illegali u jekk effettivament twettqietx. Dejjem limitatament ghall-Requesting State, fid-dokumentazzjoni mibghutha mill-awtoritajiet Taljani, u li qedha fl-atti ta' dawn il-proceduri, hemm deskrizzjoni ta' l-allegati fatti li juru x'kienet din l-attivita' illegali u kif kienet qed issir. Pero', ghall-fini tar-reat wahdu, fih innifsu, kif intqal, dawn il-fatti huma rrilevanti ghaliex dan ir-reat, anke fl-Italja, kien xorta jibqa' jissussisti f'dan il-kaz anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument biss, qatt ma giet irrealizzata l-attivita' illegali li ghaliha kienet saret din l-assoccjazzjoni in kwistjoni.

Issa, mill-punto di vista ta'Malta, ir-Requested State f'dan il-kaz, kif inghad, hlief f'xi kazijiet eccezzjonali, dan ir-reat ta' *"conspiracy"*, bl-elementi kostituttivi tieghu kif gja' mfissra b'riferenza ghar-reat ta' "*associazione a delinquere*" ai termini ta' l-Artikolu 416 tal-Kodici Penali Taljan, ma jezistiex sal-lum. Hu ghall-kollox irrilevanti, ghalhekk, x'kienu l-allegati fatti ghaliex, kif intqal, sabiex ikun hemm dan ir-reat in ezami, it-twettieq ta' l-attivita' illegali,

f'hiex kienet tikkonsisti, eccetera, mhumiex elementi kostituttivi ta'dan ir-reat. Mill-banda l-ohra, dak li hu essenzjali jew importanti, invece, sabiex ikun hemm dan ir-reat hu, kif intqal qabel, li jirrizulta xi ftehim akkompanjat bl-intenzjoni specifika biex titwettaq attivita' kriminali.

Ghalhekk, fil-kaz in ezami, sabiex jigi applikabbli l-Artikolu 8 (1)(b)(2) tal-Kap. 276, il-Qorti trid tara jekk ir-reat 'ut sic' ta' "*associazione a delinquere*", bl-elementi kostituttivi tieghu, irrespettivament x'jista' jissejjah hawn Malta, kienx jezisti fl-Italja kif ukoll f'Malta. Il-Qorti trid tara jekk fis-sistema legali Malti, ghalkemm jista' jirrizulta li f'dan il-kaz partikolari, imqarr fuq bazi ta' "*prima facie*", kien hemm fatti li juru ftehim bejn tnejn/tlieta jew aktar minn nies bl-intenzjoni specifika li jikkommettu attivita' kriminali, dawn il-fatti wahedhom jammontawx ghal xi reat prosegwibbli kriminalment hawnhekk, jissejjah kif jissejjah jew deskritt kif deskritt. Certament li le. **Il-fatti sostanzjali li jirreferi ghalihom l-Artikolu 8 (1)(b)(2) tal-Kap. 276 iridu jkunu fatti li b'xi mod jirreferu w jaghtu lok ghall-dawn l-elementi kostituttivi bhal ma huma dawk fir-reat Taljan ta' "associazione a delinquere".** Issa jekk fis-sistema legali Malti, dawn l-elementi ma jaghtux lok ghall-ebda reat fih innifsu, allura, huma x'inhuma l-fatti allegatament kommessi, dawn qatt ma jistghu jaghtu lok f'Malta ghal xi tip ta' reat simili fin-natura jew fix-xorta tieghu ghar-reat ta' "*associazione a delinquere*" kif hemm fl-Italja, ir-Requesting State.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, din hi l-interpretazzjoni korretta ta' dan l-Artikolu 8 (1)(b)(2) tal-Kap. 276, u mhux li l-fatti allegati huma sostanzjalment l-istess fiz-zewg pajjizi u, ghalhekk, dan ir-reat ta' *"conspiracy"* f'tali kaz jigi rez reat estradibbli. Tant dan hu hekk, dejjem in bazi ta' l-istess fatti allegati, li l-awtoritajiet Taljani korrettement hargu bit-tieni akkuza kontra l-appellata, liema akkuza tindika l-komplicita' taghha fil-fatti kriminanti allegati.

Mela, fi ftit kliem, meta l-Artikolu 8 (1)(b)(2) tal-Kap. 276 jghid li jkun bizzejjed li jkun hemm fatti li sostanzjalment huma l-istess u li jaghtu lok ghal reat simili jew ta' l-istess natura jew xorta prosegwibbli kemm fil-Requesting kif ukoll fir-Requested State, sabiex reat jigi dikjarat reat ta'estradizzjoni, hu car li dan id-

dispost hu applikabbli kemm il-darba dak ir-reat, deskritt u imsejjah kif trid, hu reat **fih innifsu** f'dawk l-istess pajjizi.

Fil-kaz ta'Malta, sal-lum, m'hemmx ir-reat li sostanzjalment huwa simili fin-natura jew fix-xorta tieghu ghar-reat ta' "*associazione a delinquere*", bl-elementi kostituttivi tieghu fuq mfissra. Mela, huma x'inhuma l-fatti allegati, anke jekk fl-Italja u f'Malta dawn jaghtu lok ghal xi reat simili, xorta jibqa' l-fatt li l-fatti allegati hawnhekk ma jaghtux lok ghal xi reat simili jew li jixbah jew hu identiku ghar-reat ta' "*associazione a delinquere*" ghaliex dan ma jezistiex hawnhekk. Jista' jkun li l-fatti allegati jaghtu lok ghal xi reat iehor prosegwibbli hawnhekk, bhal dak imsemmi taht l-Artikolu 32 tal-Kap. 217, u hu propju dan u ghalhekk li, se mai, tali fatti jigu koperti bit-tieni akkuza li l-awtoritajiet Taljani addebitaw lill-appellata, u mhux taht l-ewwel wahda.

Lanqas ma hu korrett l-appellant Avukat Generali jghid li jekk jissussistu l-elementi tat-tentattiv jew tal-komplicita' b'riferenza ghar-reat sostantiv li dwaru tkun allegata l-*"conspiracy",* allura r-reat sottostanti l-*"conspiracy"* hu reat estradibbli, ai termini ta' l-Artikolu 8 (1)(b)(2) tal-Kap. 276.

Dan hu hekk ghaliex, anke logikament, gja' la darba f'Malta ma jezistiex ir-reat ta' *"associazione a delinquere"* wahdu jew fih innifsu, jew xi reat li ghandu l-elementi kostituttivi simili ghall-dawk li jaghtu lok ghal dan ir-reat taht il-Kodici Penali Taljan, ma jista' qatt ikun hemm kwistjoni ta' tentattiv jew komplicita' f'dan ir-reat inezistenti. Se mai, it-tentattiv u l-komplicita' fil-fatti kriminanti allegati jistghu jaghtu lok ghal xi reat iehor li dwaru jistghu jittiehdu proceduri kriminali f'Malta wkoll, bhal ma hu l-imsemmi reat taht l-Artikolu 32 tal-Kap. 217.

Ghalhekk, certament, anke hawnhekk, l-awtoritajiet Taljani kienu korretti li ma jillimitawx ruhom biss ghar-reat ta' "*associazione a delinquere*" wahdu, izda anke ghar-reat taht it-tieni akkuza li hargu, liema akkuza ta' reat tista', forsi, titqies bhala alternattiva ghall-ewwel wahda, u fejn jimputa lill-appellata fil-vesti ta'komplici.

Fi ftit kliem, mela, ma jistghax ikun hemm it-tentattiv jew il-komplicita' f'reat meta l-elementi kostituttivi ta'dak ir-reat, ghalkemm jammontaw ghar-reat fir-Requesting State, ma jammontawx ghal dak ir-reat, jew xi reat sostanzjalment simili jew li jixbhuh fin-natura jew xorta tieghu fir-Requested State, gja' la darba dan hu inezistenti.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti tara li l-Qorti Rimandanti kellha ragun tghid li r-reat taht l-ewwel akkuza kif addebitat lill-appellata mill-awtoritajiet Taljani mhux reat estradibbli skond il-ligi Maltija, u effettivament cahdet it-talba f'dan ir-rigward.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tiddisponi minn dan l-appell ta' l-Avukat Generali billi tichdu w tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti Rimandanti limitatament in kwantu dik il-Qorti kienet cahdet it-talba sabiex tordna l-hrug ta'Ordni ta'Kustodja kontra Fatiha Khallouf ghall-fini tat-treggigh taghha lura lejn l-Italja b'riferenza ghall-ewwel akkuza mahruga kontriha mill-awtoritajiet Taljani. Il-Qorti qed tiddisponi b'dan il-mod mill-appell ta' l-Avukat Generali l-ghaliex illum stess, f'din is-seduta, il-Qorti sejra taghti d-decizjoni taghha fl-Appell Numru 118/2001, fl-ismijiet " *Il-Pulizija v. Fatiha Khallouf* ", fejn l-appellata odjerna Fatiha Khallouf, f'dawk il-proceduri, appellat mid-decizjoni tal-Qorti Rimandanti tal-11 ta'Gunju, 2001, li kienet ordnat il-hrug ta'Ordni ta'Kustodja ghall-fini li hi titregga' lura l-Italja in bazi tat-tieni akkuza addebitata lilha mill-awtoritajiet Taljani.

Tordna li kopja ufficcjali ta' din id-decizjoni tintbghat mir-Registratur lill-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja w Gvern Lokali.

(Onor. Imhallef Patrick Vella)

Aldo Testone

Deputat Registratur